MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 226/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Mary Bartolo**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Mary Bartolo talli f'perjodu bejn Frar 2006 sa Frar 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, il jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment lil mara tieghu Jane Bartolo, ghaliha u jew ghal wild minuri, skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni datat 11/11/2002 fl-atti tan-Nutar Dr Rachael Mallia LL.D.;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Mejju, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat John Mary Bartolo hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta

kontrih u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; dik il-qorti inoltre ordnat lill-istess imputat sabiex ihallas is-somma ta' Lm910 (disa' mija w ghaxar liri) bhala manteniment dovut lil martu Jane Bartolo ghaliha u/jew ghal wild minuri, fi zmien tlett (3) xhur, u dan skond l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Mary Bartolo, minnu prezentat fit-8 ta' Gunju 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, jew, subordinatament, tiddikjara l-imputazzjoni preskritta riferibbilment ghall-periodu minn Frar 2006 sa Ottubru 2006 u ghalhekk issibu hati biss ghall-periodu Novembru 2006/Frar 2007 u kwindi tirriforma wkoll is-sentenza kwantu ghall-piena u ghall-ammont li gie ordnat ihallas;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-14 ta' Settembru 2007, 12 ta' Ottubru 2007 u 2 ta' Nvembru 2007; ikkunsidrat:

Il-fatti huma bazikament dawn: permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja maghmul fil-11 ta' Novembru 2002, l-appellant John Mary Bartolo kien intrabat li jhallas lil martu is-somma ta' Lm70 fix-xahar bhala manteniment. Il-klawzola – Klawzola 2 – tghid testwalment:

"Ir-Ragel qieghed jobbliga ruhhu li jhallas lill-Mara is-somma ta' sebghin Lira Maltija (Lm70) fix-xahar bhala manteniment ghaliha liema manteniment ghandu jizdied minn zmien ghal zmien skond l-gholi tal-hajja. Ir-Ragel qieghed jiddekadi mid-dritt ta' manteniment minghand il-mara."

Jirrizulta wkoll bhala fatt li ghall-periodu inkriminat – cioe` Frar 2006 sa Frar 2007 – l-appellant ma hallas ebda manteniment hlief ghas-somma ta' Lm70 lira f'Gunju ta' din is-sena. Illum mart l-appellant m'ghandhiex tghix id-dar izda marret toqghod mat-tifla taghha.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li galadarba fil-kuntratt ta’ separazzjoni ma hemmx indikata data jew gurnata meta huwa ghandu jghaddi l-imsemmi manteniment – jekk hux fil-gimgha, fix-xahar, fis-sena jew f’xi gurnata partikolari ohra – allura ma jistax jigi nvokat u applikat l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, peress li din id-disposizzjoni titkellem dwar *“…zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond … dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.”* Dana l-aggravju hu infondat. Il-Klawzola 2 aktar ‘l fuq riportata hija cara fil-portata taghha u cioe` li l-manteniment irid jithallas kull xahar; u, galadarba ma gietx stabbilita data – bhal, per ezempju, l-ewwel jum tax-xahar jew l-ahhar jum tieghu – allura per necessita` id-data li fiha l-manteniment hu dovut (kull xahar) ghandha tkun dik id-data li hija l-aktar favorevoli ghad-debitur b’mod pero` li l-klawzola jkollha effikacja – kif presumibbilment riduha li jkollha l-kontraenti – u mhux tibqa’ bla effett: *interpretatio chartarum benigne facienda est, ut res magis valeat quam pereat*. Isegwi, ghalhekk, li l-ewwel pagament ta’ sebghin lira kien dovut fit-12 ta’ Dicembru 2002, bil-pagamenti sussegwenti dovuti kull tnax tax-xahar.

L-aggravju l-iehor ta’ l-appellant – migjub fir-rikors tieghu fil-paragrafi 7 sa 11 ta’ l-imsemmi rikors – huwa bbazat fuq il-preskrizzjoni. Kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, John Mary Bartolo qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni fir-rigward ta’ l-iskadenzi kollha jew, alternattivament, ta’ xi whud minnhom. Din il-Qorti, ezaminati l-atti u l-provi, tara li dana l-aggravju hu infondat. Huwa stabbilit li ghax xhur minn Frar 2006 sa Frar 2007 l-appellant ma hallasx manteniment lil martu kif kien obbligat li jaghmel (hlief, kif diga` nghad, ghas-somma ta’ Lm70 li hu hallas f’Gunju ta’ din is-sena). Dak dovut ghax-xahar ta’ Frar 2006 kien dovut fit-12 ta’ Marzu 2006, u dak dovut ghax-xahar ta’ Frar 2007 kien dovut fit-12 ta’ Marzu 2007. Ma hemmx dubbju li hawn si tratta ta’ reat kontinwat, b’kull vjolazzjoni li sehhet hmistax-il jum wara t-tnax ta’ kull xahar maghmula mill-appellant in forza ta’ rizoluzzjoni wahda, u <u>cioe` li ma jhallasx manteniment</u>. L-appellant donnu jippretendi li biex tigi ppruvata din ir-risoluzzjoni wahda

hemm bzonn ta’ xi provi aktar mid-deposizzjoni ta’ martu. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li tali risoluzzjoni wahda tista’ anke tigi ppruvata, kif effettivament giet pruvata f’dan il-kaz, bid-deposizzjoni ta’ Jane Bartolo li xehdet dwar il-fatt li konsistentement zewgha naqas li jhallas meta kellu hekk ihallas. Fl-kaz ta’ reat kontinwat (Art. 18, Kap. 9) il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi (Art. 691(1), Kap. 9). Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri fis-27 ta’ Marzu 2007. L-appellant, fir-rikors ta’ appell tieghu, ighid li hu gie notifikat bic-citazzjoni fl-4 ta’ Mejju 2007. Ghalhekk, anke jekk wiehed kellu jiehu l-preskrizzjoni trimestrali normali ghall-kontravvenzjonijiet (u mhux dik specjali ta’ sitt xhur introdotta ghal dan ir-reat bl-Artikolu 7 tal-Att XVI tal-2006), jigi li c-citazzjoni giet notifikata lill-appellant entro l-imsemmi terminu ta’ tlett xhur. Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll infondat u qed jigi rigettat.

L-unika modifika li din il-Qorti sejra taghmel fis-sentenza appellata hija dwar l-ammont li l-appellant gie ordnat ihallas skond l-Artikolu 24 tal-Kap. 446, u dan peress li, skond ma ddeponiet Jane Bartolo, Lm70 minn dak kollu dovut giet effettivament imhallas f’Gunju ta’ din is-sena. Ghalhekk, l-ammont li l-appellant ser jigi ordnat ihallas huwa mhux ta’ Lm910 izda ta’ Lm840.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u rirrevokaha f’dik il-parti fejn ordnat lill-appellant John Mary Bartolo jhallas lil martu Jane Bartolo skond l-Artikolu 24 tal-Kap. 446 is-somma ta’ disa’ mija u ghaxar liri (Lm910), u minflok tordnalu, fit-termini tal-istess disposizzjoni tal-ligi, li jhallasha s-somma ta’ tmien mija w erbghin lira (Lm840); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. It-terminu ta’ tlett xhur tal-*conditional discharge* jibda jiddekorri mil-lum, kif ukoll jibda jiddekorri mil-lum it-terminu ta’ tlett xhur ghall-fnijiet tal-hlas imsemmi (u dan peress li ma sar ebda appell ghal dak li jirrigwarda l-imposizzjoni ta’ dan it-terminu).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------